

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 167

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

7 ta' Ġunju 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

### Il-Parlament Ewropew

2011/C 167/01

Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja – Sena finanzjarja 2010 ..... 1

**MT**

 Prezz:  
 EUR 3



## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-PARLAMENT EWROPEW

## RAPPORT DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

## TAQSIMA I: IL-PARLAMENT EWROPEW

SENA FINANZJARJA 2010

(2011/C 167/01)

## WERREJ

	Pàġna
INTRODUZZJONI .....	3
I. IL-ĠESTJONI FINANZJARJA B'MOD ĠENERALI .....	3
A. Dħul .....	4
B. Baġit inizjali u baġits emendatorji .....	4
C. Impenji u ħlasijiet .....	5
D. Riporti mill-2010 għall-2011 .....	5
E. Riporti mill-2009 għall-2010 .....	5
F. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat .....	6
G. Kanċellazzjonijiet .....	6
H. Trasferimenti .....	7
H.1. Trasferimenti minn approprjazzjonijiet provviżorji .....	9
H.2. Trasferimenti minn sorsi oħra .....	10
II. ĠESTJONI FINANZJARJA SKONT IL-KAPITOLU .....	11
I. Kapitolu 1 0 "Membri tal-Istituzzjoni" .....	14
J. Kapitolu 1 2 "Uffiċjali u aġenti temporanji" .....	14
K. Kapitolu 1 4 "Ħaddiema oħra u servizzi esterni" .....	15
L. Kapitolu 1 6 "Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni" .....	16
M. Kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati" .....	17
N. Kapitolu 2 1 "Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara" .....	17
O. Kapitolu 2 3 "In-nefqa amministrattiva kurrenti" .....	18
P. Kapitolu 3 0 "Laqgħat u Konferenzi" .....	18

	<i>Paġna</i>
Q. Kapitolu 3 2 “L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni”	19
R. Kapitolu 4 0 “Nefqa relatata ma’ ċerti istituzzjonijiet u ma’ ċerti korpi”	20
S. Kapitolu 4 2 “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”	21
T. Titolu 10 “Infiq ieħor”	21
III. OBIETTIVI U RIŻULTATI TAL-2010:	21
A. L-issodisfar tar-rwol leġislattiv imsaħħaħ bit-Trattat ta’ Lisbona	21
A.1. <i>Il-politiki interni tal-UE</i>	21
A.2. <i>Il-politiki esterni tal-UE</i>	22
B. It-titjib tas-servizzi lill-Membri	23
B.1. <i>Appoġġ leġislattiv</i>	23
B.2. <i>L-Istatut tal-Membri u l-Istatut tal-Assistenti</i>	23
B.3. <i>Aċċess ugwali għall-faċilitajiet lingwistiċi għall-Membri</i>	23
B.4. <i>It-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni</i>	24
C. Il-Politika tal-Komunikazzjoni	25
D. Il-Politika tal-Proprietà	26
E. Il-Politika Ambjentali	26
F. Il-Modernizzazzjoni u r-ristrutturar tas-Segretarjat	26
ANNESI	29
ANNEX I — Harsa Ġenerali lejn it-trasferimenti C	29
ANNEX II — Harsa Ġenerali lejn it-trasferimenti P	35
ANNEX III — Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet	36

**INTRODUZZJONI**

1. Dan ir-rapport janalizza l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament Ewropew matul is-sena finanzjarja 2010. Ifisser l-użu li sar mir-riżorsi finanzjarji u l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet matul is-sena (f-Taqsima I u II) u jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati miksuba meta mqabbla mal-objettivi stabbiliti għall-2010 (Taqsima III).
2. Ir-rapport tfassal skont l-Artikolu 122 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(1)</sup> (li minn issa 'l quddiem se jissejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), l-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jipprekrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup> (li minn issa 'l quddiem se jissejħu "ir-Regoli Implimentattivi") u l-Artikolu 13(2) tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew <sup>(3)</sup>. L-analiżi hija bbażata fuq il-kontijiet provviżorji, kif stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità.

**I. IL-ĠESTJONI FINANZJARJA B'MOD ĠENERALI**

3. L-appropriazzjonijiet finali tal-Parlament ammontaw għal EUR 1 616 760 399, li huma 19,99 % tal-infiq amministrattiv totali tal-UE, jiġifieri l-intestatura V tal-Qafas Finanzjarju <sup>(4)</sup>. It-Tabella 1 hawn isfel tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament fis-sena finanzjarja 2010.

Tabella 1

**L-użu tal-appropriazzjonijiet għall-2010**

Tip ta' appropriazzjoni	Appropriazzjonijiet 2010 EUR jew %
<b>Appropriazzjonijiet 2010</b>	
Appropriazzjonijiet inizjali	1 607 363 235
Baġit Emendatorju	9 397 164
Appropriazzjonijiet finali	1 616 760 399
<b>Appropriazzjonijiet finali fl-2010</b>	
Impenji	1 552 290 272
<i>bħala % tal-appropriazzjonijiet finali</i>	96 %
Ħlasijiet	1 321 261 642
<i>bħala % tal-impenji</i>	85 %
<b>Riporti mill-2010 għall-2011</b>	
Riporti awtomatiċi għall-2011 (*)	231 028 630
<i>bħala % tal-appropriazzjonijiet finali</i>	14 %
<i>bħala % tal-impenji</i>	15 %
Riporti mhux awtomatiċi (appropriazzjonijiet mhux impenjati riportati għall-2011) (**)	9 240 000
<i>bħala % tal-appropriazzjonijiet finali</i>	0,6 %
<b>Kanċellazzjonijiet</b>	
Appropriazzjonijiet ikkanċellati	55 230 127
<i>bħala % tal-appropriazzjonijiet finali</i>	3,4 %

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.<sup>(3)</sup> PE 349.540/BUR/ANN/FIN.<sup>(4)</sup> Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda, (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet 2010 EUR jew %)
<b>Riporti mill-2009 għall-2010</b>	
Riporti awtomatiċi għall-2010 (*)	180 265 823
Ħlasijiet minn dawn ir-riporti	156 561 474
<i>bħala % tar-riporti</i>	87 %
Ammont ikkanċellat	23 704 349
Riporti mhux awtomatiċi għall-2010 (**)	10 100 000
Ħlasijiet minn dawn ir-riporti	8 383 750
<i>bħala % tar-riporti</i>	83 %
<b>Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat fl-2010</b>	
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat fl-2010	110 298 523
Impenji	13 916 325
<i>bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat</i>	13 %
Ħlasijiet	10 247 794
<i>bħala % tal-impenji minn dħul assenjat</i>	74 %
Approprjazzjonijiet disponibbli minn dħul allokati fl-2010	96 382 198
<b>Approprjazzjonijiet minn dħul allokati riportati għall-2011</b>	
Approprjazzjonijiet minn dħul allokati riportati għall-2011	110 017 852
<b>Approprjazzjonijiet minn dħul allokati riportati għall-2010</b>	
Approprjazzjonijiet minn dħul allokati riportati għall-2010	20 637 870
Impenji	15 646 888
Ħlasijiet	10 100 531
<i>bħala % tal-impenji</i>	65 %
Nota::	
(*) Artikoli 9(1) u 9(4) tar-Regolament Finanzjarju	
(**) Artikoli 9(1), 9(2)(a) u 9(5) tar-Regolament Finanzjarju	

#### A. Dħul

4. Id-dħul imdaħħal fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2010 ammonta għal EUR 243 094 204 u kien jinkludi EUR 110 298 523 fi dħul assenjat.

#### B. Baġit inizjali u baġits emendatorji

5. L-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit inizjali tal-Parlament għall-2010 ammontaw għal EUR 1 607 363 235, u dawn jirrapreżentaw żieda ta' 5 % fuq il-baġit tal-2009 (EUR 1 529 970 930).
6. Il-baġit emendatorju 1/2010, li kien jammonta għal EUR 9 397 164, ġie adottat fid-19 ta' Mejju 2010 biex jiffinanzja n-nefqa addizzjonali li kinet ġejja direttament mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea. Il-baġit emendatorju żied iċ-ċifri tal-persunal b'150. Total ta' 75 kariga saħħew l-assistenza lill-gruppi politiċi, 70 kariga ġew assenjati lis-segretarjati tal-Kumitati u 5 karigi kienu ddedikati lid-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali. Issaħħu żewġ partiti baġitarji, b'mod partikolari: Il-Partita 1 2 0 0 "Remunerazzjoni u Allowances" u l-Partita 4 2 2 0/01 "L-assistenza parlamentari: assistenti lokali". L-approprjazzjonijiet għall-assistenza personali għall-Membri żdiedu — l-allowance tas-segretarjat żdiedet b'EUR 1 500 fix-xahar għal kull Membru mill-1 ta' Mejju 2010.

**C. Impenji u ħlasijiet**

7. L-impenji ammontaw għal EUR 1 552 290 272, jiġifieri 96 % tal-appropriazzjonijiet finali (2009: 93 %). Il-ħlasijiet ammontaw għal EUR 1 321 261 642, jiġifieri 85 % tal-impenji li ttieħdu (2009: 87 %).

**D. Riporti mill-2010 għall-2011**

8. Ir-riporti awtomatiċi għas-sena finanzjarja 2011 ammontaw għal EUR 231 028 630, jiġifieri 15 % tal-appropriazzjonijiet impenjati (2009: 13 %). L-appropriazzjonijiet mhux impenjati fl-aħħar tas-sena li ġew riportati għas-sena finanzjarja 2011 (riporti mhux awtomatiċi) ammontaw għal EUR 9 240 000 — jiġifieri 0,6 % tal-appropriazzjonijiet finali (2009: 0,7 %) — u ntużaw għall-għanijiet stipulati fit-tabella 2.

Tabella 2

**L-iskop tar-riporti mhux awtomatiċi għall-2011**

Intestatura	Skop	Ammont
2 0 0 3 "Akkwist ta' bini"	Id-Dar tal-Ewropa f'Sofija — proġett ta' xiri	9 240 000
	<b>Total</b>	<b>9 240 000</b>

**E. Riporti mill-2009 għall-2010**

9. Ir-riporti awtomatiċi għall-2010 ammontaw għal EUR 180 265 823. Il-ħlasijiet minn dawn ir-riporti ammontaw għal EUR 156 561 474 (87 %, meta mqabbla ma' 92 % fl-2009). L-ammont ikkanċellat għalhekk kien ta' EUR 23 704 349. Il-parti l-kbira tal-kanċellazzjonijiet sar: fl-Artikolu 1 4 0 "Aġenti oħra u ħaddiema esterni", fl-Artikolu 2 0 0 "Bini", fl-Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini" u fl-Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u Tixrid". L-ammonti kkanċellati u r-raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet huma ppreżentati fit-tabella 3.

Tabella 3

**Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet tar-riporti awtomatiċi mill-2009 għall-2010**

Artikolu	Kanċellazzjoni	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet
Artikoli 1 4 0 "Aġenti oħra u ħaddiema esterni"	5 034 074	Partita 1 4 0 2/01 "L-interpreti tal-konferenzi: interpreti u tekniċi tal-konferenzi" — Sar inqas użu mill-interpreti tal-konferenzi milli kien mistenni (EUR 4,9 miljun)
Artikolu 2 0 0 "Bini"	7 315 381	Partita 2 0 0 5 "Il-kostruzzjoni ta' bini" — dewmien li kien ġej minn fornituri kkawżat mill-posponiment tax-xogħlijiet għall-2011 (EUR 0,8 miljun), Partita 2 0 0 7/02 "Sistemazzjoni fil-bini: Strasburgu" — opinjonijiet legali rigward it-tiswija tas-saqaf tal-emiċiklu fi STR naqqsu l-appropriazzjonijiet meħtieġa (EUR 4,5 miljun)
Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini"	2 640 289	Partita 2 0 2 4 "Konsum tal-enerġija" — xi fatturi għall-konsum tal-enerġija fit-tliet postijiet tax-xogħol u fl-uffiċċji tal-informazzjoni ma kinux disponibbli fl-għeluq tas-sena finanzjarja (EUR 1 miljun) Partita 2 0 2 2 "It-tindif u l-manutenzjoni" — sovraestima tal-operazzjonijiet ta' manutenzjoni fuq xogħol kontra l-firien u xogħol ta' tlestija fi Strasburgu (EUR 0,2 miljun) u dewmien fil-kuntratt ta' assistenza għall-ġestjoni f'Lussemburgu (EUR 0,3 miljun) Partita 2 0 2 6 "Sigurtà u sorveljanza tal-bini" — il-konsum kien inqas milli kien inizjalment stmat (EUR 0,8 miljun)
Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u Tixrid"	3 373 200	Partita 3 2 4 3 "Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi" — problema kbira bis-sigurtà tas-suffitti dewmet il-proġett (EUR 1 miljun) Partita 3 2 4 0 "Il-Ġurnal Uffiċjali" — l-impatt tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-pubblikazzjonijiet fil-ĠU seħħ aktar bil-mod milli mistenni (EUR 0,9 miljun)

10. Ir-riporti mhux awtomatiċi għall-2010 riportati għall-2010 skont l-Artikolu 9(2a) ammontaw għal EUR 10 100 000 u kkonċernaw il-Partita 2 0 0 3 "Akkwist ta' bini" (EUR 9 100 000) u l-Partita 2 0 0 8 "Infq ieħor relatat mal-bini" (EUR 1 000 000).


11. L-appropriazzjonijiet kollha riportati ġew impenjati qabel il-31 ta' Marzu 2010 kif mitlub mir-Regolament Finanzjarju. L-iskop tagħhom kien ix-xiri tal-Bini Millenaris f'Budapest għad-Dar tal-Ewropa u d-drittijiet anċillari marbuta max-xiri. Fir-rigward tal-ħlasijiet li jikkorrispondu mal-impenji, li jeħtieġ li jsiru qabel il-31 ta' Diċembru 2010, tħallas total ta' 92 % fil-Partita 2 0 0 3. Ir-raġuni ewlenija għal din ir-rata ta' konsum hija li l-prezz finali tal-bejgħ kien inqas milli kien previst. Ir-rata ta' konsum fil-Partita 2 0 0 8 kienet 0 % peress li fl-aħħar mill-aħħar ma kienu meħtieġa l-ebda drittijiet anċillari.

#### F. Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat

12. Id-dħul assenjat li kien disponibbli fl-2010 ammonta għal EUR 110 298 523 (2009: EUR 27 576 932). Ir-rata ta' impenn kienet 13 % (2009: 44 %). Il-ħlasijiet ammontaw għal EUR 10 247 794, jiġifieri 74 % tal-impenji li ttieħdu (2009: 74 %). Ġie riportat bilanċ ta' EUR 110 017 852 għas-sena finanzjarja 2011 (2009: EUR 20 637 870). Is-sors tal-appropriazzjonijiet mid-dħul assenjat huwa analizzat fid-dijagramma hawn isfel.

Dijagramma 1

#### Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat 2010 skont il-kapitolu



13. Il-parti l-kbira ta' dawn l-appropriazzjonijiet li kienu ġejjin mill-Kapitolu 2 0 fl-2010 hija dovuta għall-ħlas mill-Istat Belġjan. L-Istat Belġjan irrimborża s-somma ta' EUR 85 987 000 fis-27 ta' Jannar 2010 fil-kuntest tat-tqassim tal-ispiża tal-art li fuqha hemm is-sit għall-Bini D4 u D5 u tal-ispejjeż ta' żvilupp tas-saqaf fuq l-Istazzjon Brussell-Lussemburgu. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, dan l-ammont iddaħħal fil-kontijiet bħala "dħul assenjat" u jista' jintuża biss biex jifinanzja proġetti tal-proprjetà (prinċipju tal-ispeċifikazzjoni). Is-somma involuta setgħet intużat fl-2010, iżda tista' wkoll, jekk ikun meħtieġ, tiġi riportata għal snin finanzjarji sussegwenti. B'mod partikolari, tista' tintuża biex jittejjbu l-kundizzjonijiet loġistiċi u tal-ħidma tal-Membri billi jiġi pprovdut uffiċċju ieħor għall-assistenti. Parti mill-ammont tista' tintuża wkoll, fejn ikun xieraq, għax-xiri ta' bini li għandu qed jinkera.
14. Id-dħul assenjat li ġie riportat għall-2010 ammonta għal EUR 20 637 870 (2009: EUR 36 808 922). L-impenji li ttieħdu ammontaw għal EUR 15 646 888 (2009: EUR 36 024 461). Il-ħlasijiet fl-2010 rrapreżentaw 65 % tal-impenji li ttieħdu (2009: 94 %).

#### G. Kanċellazzjonijiet

15. Appropriazzjonijiet li jammontaw għal EUR 55 230 127 (2009: EUR 102 241 198), jiġifieri 3,4 % tal-appropriazzjonijiet finali (2009: 7 %) kienu kkanċellati. Ir-raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet huma mniżżla fit-tabella t'hawn taħt:



Tabella 4

## Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet mill-appropriazzjonijiet attwali fl-2010

Artikolu	Ammont ikkanċellat(EUR)	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjoni
1 2 0	8 424 177	Partita 1 2 0 0 — kien hemm differenza bejn l-adattament presuppost ta' 2,2 % tas-salarji fl-istadju tal-ippjanar u l-adattament reali ta' 0,1 % fis-salarji fl-2010 (EUR 8,3 miljun, 1,6 % tal-appropriazzjonijiet finali)
4 2 2	7 355 159	Partita 4 2 2 0/01 "L-assistenza parlamentari: assistenti lokali" — ittieħdet deċiżjoni rigward żieda fl-allowance parlamentari (EUR 1 500 fix-xahar għal kull Membru) f'nofs l-2010. Barra minn hekk, l-obbligi proċedurali konsegwenti biex jiġu emendati l-Miżuri Implimentattivi għall-Istatut tal-Membri f'issru li l-appropriazzjonijiet addizzjonali li saru disponibbli bil-baġit emendatorju setgħu jintużaw biss fl-aħħar tal-2010 meta beda r-reklutaġġ tal-assistenti (EUR 6,3 miljun)
3 2 4	4 929 458	Partita 3 2 4 0 "Il-Ġurnal Uffiċjali" — l-impatt tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-pubbli-kazzjonijiet fil-ĠU seħħ aktar bil-mod milli mistenni (EUR 1,2 miljun) Partita 3 2 4 4/01 "L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi: spejjeż ta' akkoljenza u sussidji għall-gruppi ta' viżitaturi" — diffikultà li jiġi stabbilit in-numru preċiż ta' viżitaturi minn qabel (EUR 1,4 miljun)
2 0 0	4 322 661	Partita 2 0 0 7 "Sistemazzjoni fil-bini" — iffirankar u impossibilità li jitwettqu ċerti proġetti ta' sistemazzjoni skedati għall-2010 (EUR 2,6 miljun) Partita 2 0 0 8 "Infiq ieħor relatat mal-bini" — il-kollass tas-saqaf fil-kamra ta' Strasburgu fl-2008 kkawża bidliet fil-programm ta' ħidma tal-2009 u tal-2010 (EUR 1,5 miljun)
1 0 0	4 299 369	Partita 1 0 0 5 "Spejjeż oħra għall-vjaġġi" — l-introduzzjoni ta' regoli ġodda fir-rigward tar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar fl-Istatut tal-Membri wasslet għal diffikultà li jitbassar l-infiq eżatt (EUR 2 miljun) Partita 1 0 0 6 "Spejjeż għall-vjaġġi regolari" — primarjament, ma kien hemm ebda indiciżazzjoni tal-allowance ta' kull xahar, kif stmat fl-istadju tal-ippjanar (EUR 1,2 miljun)
1 4 0	3 869 980	Partita 1 4 0 0 "Aġenti oħra" — revizzjoni qawwija 'l isfel fir-rata tal-aġġustament annwali fil-pagi u l-flessibilità neċessarja f'ċerti spejjeż (il-persunal tal-iskola materna, is-salarji tal-persunal kuntrattwali) li l-ammonti tagħhom ikunu magħrufa biss fl-aħħar nett tas-sena (EUR 3 miljun)
2 0 2	3 788 303	Partita 2 0 2 2 "It-tindif u l-manutenzjoni" — primarjament is-sovrastima tal-operazzjonijiet ta' manutenzjoni (EUR 1,6 miljun) Partita 2 0 2 4 "Konsum tal-enerġija" — prezzijiet iktar baxxi milli kien stmat fl-istadju preparatorju tal-baġit, iffirankar tal-enerġija u vantaġġi li ġejjin mis-sejħa interistituzzjonali għal offerti għall-provvista tal-elettriku (EUR 1,2 miljun)

## H. Trasferimenti

16. Matul is-sena finanzjarja, ġew approvati 13-il trasferiment C skont l-Artikoli 24 u 42 tar-Regolament Finanzjarju <sup>(1)</sup>. Koprew total ta' EUR 84 274 488, jiġifieri 5,2 % tal-appropriazzjonijiet finali (fl-2009: 18-il trasferiment li jammontaw għal 4 % tal-appropriazzjonijiet finali). Il-President awtorizza 6 trasferimenti P skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju <sup>(2)</sup>, li jkopru total ta' EUR 4 009 571, jew 0,2 % tal-appropriazzjonijiet finali (2009: 9 trasferimenti li jirrappreżentaw 2 % tal-appropriazzjonijiet finali). Analiżi tat-trasferimenti skont il-bażi ġuridika kif ukoll skont l-iskop tagħhom hija spjegata fil-qosor fit-tabelli t'hawn taħt.
17. B'kollox, kien hemm 19-il trasferiment P u C fl-2010, li involvew total ta' EUR 88 284 059, jew 5,5 % tal-appropriazzjonijiet finali (2009: 27 trasferiment li involvew total ta' EUR 100 518 607, jew 7 % tal-appropriazzjonijiet finali).

<sup>(1)</sup> Artikolu 24 - Deċiżjoni tal-awtorità baġitarja; Artikolu 43 - Deċiżjoni tal-awtorità baġitarja għal trasferimenti li jinvolvu appropriazzjonijiet provviżorji.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-istituzzjoni għal trasferiment ta' appropriazzjonijiet fi ħdan artikolu.

Tabella 5

**Trasferimenti skont il-bażi ġuridika**

Numru ta' trasferimenti	Ammont trasferit (EUR)	bħala % tal-appropriazzjonijiet finali
<i>Trasferimenti C (Artikoli 24 u 43)</i>		
13-il trasferiment C	84 274 488	5,21 %
<i>Trasferimenti P (Artikolu 22(1))</i>		
6 trasferimenti P	4 009 571	0,25 %
<b>Trasferimenti C + P</b>	<b>88 284 059</b>	<b>5,46 %</b>

Tabella 6

**Analiżi tat-trasferimenti C skont il-linja baġitarja destinatarja**

(EUR)

Linja baġitarja destinatarja	Trasferiment	Ammont trasferit
1 0 0 0 "Salarji"	C12	1 950 000
1 0 3 2 "Pensjonijiet tar-romol"	C9	150 000
1 2 0 0 "Remunerazzjoni u allowances"	C6	6 200 000
	C12	10 600 000
1 4 0 0 "Aġenti oħra"	C1	750 000
	C5	3 600 000
1 4 2 "Servizzi Esterni"	C4	1 175 200
2 0 0 3 "Akkwist ta' bini"	C10	19 101 688
	C13	9 240 000
2 0 0 8 "Infiq ieħor relatat mal-bini"	C2	2 340 000
2 1 0 0 "Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni"	C7	2 000 000
	C11	7 596 000
	C14	10 923 000
2 1 0 2 "Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni"	C7	4 000 000
	C11	282 000
2 1 2 "Għamara"	C2	749 600
3 0 4 9 "Nefqa għall-aġenziji tal-ivvjaġġar"	C8	190 000
3 2 4 2 "Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi"	C2	3 427 000
<b>Total</b>		<b>84 274 488</b>

Tabella 7

**Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija u l-iskop tal-infiq**

Kategorija tal-infiq li rċeviet it-trasferiment	Skop	Ammont trasferit (EUR)	%
Il-politika tal-proprjetà	Xiri tal-Bini REMARD fi Brussell	19 101 688	23 %
	Proġett ta' xiri tad-Dar Ewropea f'Sofija	9 240 000	11 %
	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji wara l-preżentazzjoni ta' rapport dwar l-ispejjeż fissi u varjabbli	3 089 600	4 %
Total għall-politika tal-proprjetà		31 431 288	37 %

Kategorija tal-infiq li rċeviet it-trasferiment	Skop	Ammont trasferit (EUR)	%
IT	4 proġetti tal-IT dwar it-tagħmir għall-votazzjoni elettronika, il-migrazzjoni għall-posta elettronika, iż-żamma tal-vidjos u l-kapaċità taċ-Ċentri tad-Data	10 923 000	13 %
	Estensjoni tal-kopertura tal-WIFI fil-bini tal-PE fi Brussell u Strasburgu	7 878 000	9 %
	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	6 000 000	7 %
Total IT		24 801 000	29 %
Persunal	Kuntratt ġdid fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010 mal-aġenzija tal-ivvjaġġar BCD	190 000	0,2 %
	Dispożizzjoni għall-ħlas b'lura taż-żieda fis-salarji wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja	12 550 000	15 %
	Reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali addizzjonali	3 600 000	4 %
	Reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali Kroat	750 000	1 %
	Tisħiħ tal-linja baġitarja minħabba rata aktar baxxa ta' karigi battala u l-gradji ogħla tal-uffiċċjali trasferiti minn istituzzjonijiet oħra	6 200 000	7 %
Total Persunal		23 290 000	28 %
Il-politika tal-komunikazzjoni	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji wara l-preżentazzjoni ta' rapport dwar l-ispejjeż fissi u varjabbli	3 427 000	4 %
Total politika tal-komunikazzjoni		3 427 000	4 %
Multilingwiżmu	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji wara l-preżentazzjoni ta' rapport dwar il-kondiviżjoni tar-riżorsi tat-traduzzjoni interna	1 175 200	1 %
Total multilingwiżmu		1 175 200	1 %
Membri	Nefqa addizzjonali rigward il-pensjoni tar-romol tal-Membri	150 000	0,2 %
Total Membri		150 000	0,2 %
<b>Total komplessiv</b>		<b>84 274 488</b>	<b>100 %</b>

#### H.1. Trasferimenti minn appropriazzjonijiet provviżorji

18. Din it-taqsimha tħares lejn l-użu tal-appropriazzjonijiet minn Kapitolu 10 0 "Appropriazzjonijiet Provviżorji", Kapitolu 10 1 "Riserva ta' kontinġenza", Kapitolu 10 3 "Riżerva għat-tkabbir", Kapitolu 10 5 "Appropriazzjoni provviżorja għall-bini" u Kapitolu 10 6 "Riżerva għall-oġġettivi ta' prijorità l-ġodda". Dawn il-kapitoli, inklużi fit-Titolu 10 "Infiq ieħor", minn issa 'l quddiem jissejħu bħala "appropriazzjonijiet provviżorji". It-Titolu 10 "Infiq ieħor" kien is-sors ewlieni tal-appropriazzjonijiet trasferiti fl-2010 (50 %, jew EUR 42 241 800).
19. Minn dak l-ammont, total ta' EUR 14 089 600 ġie ttrasferit għal skopijiet ta' politika tal-proprietà, total ta' EUR 13 000 000 ġie ttrasferit għal skopijiet ta' IT, total ta' EUR 10 550 000 ġie ttrasferit għal skopijiet ta' Persunal u EUR 4 602 200 għal skopijiet oħrajn. L-iskop tat-trasferimenti mill-appropriazzjonijiet provviżorji huwa mfisser hawn taħt.

Tabella 8

#### Skop tat-trasferimenti mill-appropriazzjonijiet provviżorji

(EUR)

Linja baġitarja donatriċi	Linja baġitarja destinatara	Trasferiment	Skop	Ammont trasferit
Kapitolu 10 0	2 0 0 8	C2	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji wara l-preżentazzjoni ta' rapport dwar l-ispejjeż fissi u varjabbli	2 340 000
	2 1 2 0			749 600

(EUR)				
Linja baġitarja donatriċi	Linja baġitarja destinatarka	Trasferiment	Skop	Ammont trasferit
Kapitolu 10 5	2 0 0 3	C10	Xiri tal-Bini REMARD fi Brussell	11 000 000
<b>Total għall-politika tal-proprjetà</b>				<b>14 089 600</b>
Kapitolu 10 0	2 1 0 0	C7	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	2 000 000
	2 1 0 2			4 000 000
	2 1 0 0	C11	Estensjoni tal-kopertura tal-WIFI fil-bini tal-PE fi Brussell u Strasburgu	2 000 000
Kapitolu 10 6	2 1 0 0			5 000 000
<b>Total IT</b>				<b>13 000 000</b>
Kapitolu 10 1	1 2 0 0	C6	Tisħiħ tal-linja baġitarja minħabba rata aktar baxxa ta' karigi battala u l-gradji ogħla tal-uffiċjali trasferiti minn istituzzjonijiet oħra	6 200 000
	1 4 0 0	C5	Reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali addizzjonali	3 600 000
Kapitolu 10 3	1 4 0 0	C1	Reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali Kroat	750 000
<b>Total Persunal</b>				<b>10 550 000</b>
Kapitolu 10 0	3 2 4 2/01	C2	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji wara l-preżentazzjoni ta' rapport dwar l-ispejjeż fissi u varjabbli	3 427 000
<b>Total politika tal-komunikazzjoni</b>				<b>3 427 000</b>
Kapitolu 10 0	1 4 2 0	C4	Rilaxx tal-appropriazzjonijiet provviżorji wara l-preżentazzjoni ta' rapport dwar il-kondiviżjoni tar-riżorsi tat-traduzzjoni interna	1 175 200
<b>Total multilingwiżmu</b>				<b>1 175 200</b>
<b>Total komplessiv</b>				<b>42 241 800</b>

## H.2. Trasferimenti minn sorsi oħra

20. Din it-taqsimha tħares lejn it-trasferimenti minn sorsi li mhumiex it-Titolu 10 "Infiq ieħor". Total ta' EUR 42 032 688 ġie trasferit minn titoli oħrajn. Il-politika tal-proprjetà kienet responsabbli għall-parti l-kbira (41 %) ta' dawn it-trasferimenti, segwita mill-persunal (30 %) u l-IT (28 %). Ħarsa ġenerali lejn dawn it-trasferimenti tingħata fit-Tabella 9.

21. Harsa ġenerali lejn it-trasferimenti P tingħata fit-Tabella 10.

Tabella 9

### Skop tat-trasferimenti C minn sorsi li mhumiex appropriazzjonijiet provviżorji

(EUR)			
Linja baġitarja destinatarka	Trasferiment	Skop	Ammont trasferit
1 0 0 0	C12	Dispożizzjoni għall-ħlas b'lura taż-żieda fis-salarji wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja	1 950 000
1 0 3 2	C9	Nefqa addizzjonali rigward il-pensjoni tar-romol tal-Membri	150 000
1 2 0 0	C12	Dispożizzjoni għall-ħlas b'lura taż-żieda fis-salarji wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja	10 600 000

(EUR)

Linja baġitarja destinatarja	Trasferiment	Skop	Ammont trasferit
2 0 0 3	C10	Xiri tal-Bini REMARD fi Brussell	17 341 688
	C13	Proġett ta' xiri tad-Dar Ewropea f'Sofija	
2 1 0 0	C11	Estensjoni tal-kopertura tal-WIFI fil-bini tal-PE fi Brussell u Strasburgu	11 519 000
	C14	4 proġetti tal-IT dwar it-tagħmir għall-votazzjoni elettronika, il-migrazzjoni għall-posta elettronika, iż-żamma tal-vidjos u l-kapaċità ta' Ċentri tad-Data	
2 1 0 2	C11	Estensjoni tal-kopertura tal-WIFI fil-bini tal-PE fi Brussell u Strasburgu	282 000
3 0 4 9	C8	Kuntratt ġdid fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010 mal-aġenzija tal-ivvjaġġar BCD	190 000
<b>Total</b>			<b>42 032 688</b>

Tabella 10

**Skop tat-trasferimenti P**

(EUR)

Linja baġitarja destinatarja	Trasferiment	Skop	Ammont trasferit
2 0 0 5 "Il-kostruzzjoni ta' bini"	P2	Xogħol ta' tħaffir għas-sistema tal-enerġija ġeotermali u xogħol tal-art għall-bini KAD	2 000 000
3 0 4 7 "Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Assemblea Parlamentari Eurolat"	P4	L-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Bureau u tal-Kumitati ta' Eurolat fl-Ekwador.	25 000
3 2 4 3 "Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi"	P7	Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi	1 000 000
3 2 4 5/01 "L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali: sussidji għall-organizzazzjoni ta' symposia nazzjonali u multinazzjonali u seminars għall-multiplikaturi tal-opinjoni mill-Istati Membri; l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars parlamentari"	P6	L-organizzazzjoni tal-Agora ta' Ċittadini "Kriżi u forum ta' faqar"	354 571
4 2 2 2 "Telf mill-kambju"	P3 u P5	Telf mill-kambju marbut mar-rimborż tal-ispejjeż tal-assistenza parlamentari	630 000
<b>Total</b>			<b>4 009 571</b>

**II. ĠESTJONI FINANZJARJA SKONT IL-KAPITOLU**

22. Din it-taqsimha tagħti ħarsa lejn l-użu tal-appropriazzjonijiet skont il-kapitolu baġitarju, is-sehem tagħhom tal-baġit globali u l-bidliet fl-użu tal-appropriazzjonijiet meta mqabbel mas-sena finanzjarja preċedenti. Fl-analiżi tal-ġestjoni finanzjarja tal-Parlament fl-2010 meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- l-2009 kienet sena elettorali, u għalhekk l-attivitajiet politiċi kienu sinifikatament inqas meta mqabbel mal-2010, xi ħaġa li kellha influwenza diretta fuq l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-Kapitolu 1 0 ("Membri tal-Istituzzjoni"), fil-Kapitolu 1 2 ("Ħaddiema oħra u servizzi esterni"), fil-Kapitolu 3 0 ("Laqgħat u konferenzi") u fil-Kapitolu 4 0 ("Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi").

- L-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew daħal fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2009 flimkien mar-regoli l-ġodda dwar l-assistenza parlamentari għall-Membri, li ġew adottati wara l-Istatut tal-Membri. L-Istatut tal-Membri daħħal regoli ġodda għas-salarji, għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar (bidla minn sistema b'somma b'rata fissa għal waħda skont l-ispejjeż reali), għall-ispejjeż relatati ma' mard u għal sistema ġdida ta' pensjoni. Rigward l-allowance għall-assistenza parlamentari, ir-regoli nbidlu konsiderevolment ukoll bl-introduzzjoni tal-istatus il-ġdid tal-assistenti akkreditati skont ir-Regolament tal-Persunal u dispożizzjonijiet ġodda għall-assistenti lokali u għall-fornituri tas-servizzi. Sett ta' modifiki għall-Miżuri Implimentattivi għall-Istatut tal-Membri u tal-Assistenti propost mill-Grupp Temporanju ta' Valutazzjoni daħal fis-seħħ fl-2010. Dawn il-bidliet kollha kellhom impatt fuq il-Kapitolu 1 0 ("Membri tal-Istituzzjoni") u fuq il-Kapitolu 4 2 ("Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari").
- Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-Parlament beda jgawdi minn setgħat ħafna usa'. Biex jirreaġixxi għall-isfidi l-ġodda, il-Parlament kabbar l-appoġġ mogħti lill-Membri, xi ħaġa li żiedet il-ħtiġijiet baġitarji fil-Kapitolu 1 2 ("Uffiċjali u aġenti temporanji") u fil-Kapitolu 4 2 ("Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari") fl-2010.
23. Ir-raġunijiet imsemmijin hawn fuq kellhom influwenza kbira fuq l-appropriazzjonijiet baġitarji tal-2010 meta mqabbel mas-sena finanzjarja 2009.
24. Erba' kapitoli kienu responsabbli għal 70 % tat-total tal-impenji. Dawn kienu: il-Kapitolu 1 0 "Membri tal-istituzzjoni", il-Kapitolu 1 2 "Uffiċjali u aġenti temporanji", il-Kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati" u l-Kapitolu 4 2 "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari". It-Tabella 11 t'hawn taħt tipprovdi analiżi skont il-kapitolu tal-appropriazzjonijiet impenjati fl-2010 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2009. Id-dijagrammi 2u 3 aktar 'l isfel jipprovdu rappreżentazzjoni grafika tal-bidliet.

Tabella 11


**Appropriazzjonijiet impenjati fl-2010 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2009**

Kapitolu	Intestatura	2010 (EUR)	2009 (EUR)	Bidla (EUR)	Bidla %
1 0	Membri tal-istituzzjoni	207 680 220	167 952 342	39 727 878	24 %
1 2	Uffiċjali u aġenti temporanji	532 628 082	502 188 864	30 439 218	6 %
1 4	Ħaddiema oħra u servizzi esterni	106 585 463	90 934 827	15 650 636	17 %
1 6	Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni	13 339 919	14 019 742	- 679 823	- 5 %
<b>Titolu 1 "Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni"</b>		<b>860 233 684</b>	<b>775 095 774</b>	<b>85 137 909</b>	<b>11 %</b>
2 0	Bini u nefqiet relatati	186 396 513	182 901 221	3 495 292	2 %
2 1	Proċessar ta' data, tagħmir u għamara	137 467 641	106 080 064	31 387 578	30 %
2 3	In-nefqa amministrattiva u kurrenti	10 373 435	10 778 699	- 405 264	- 4 %
<b>Titolu 2 "Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv"</b>		<b>334 237 589</b>	<b>299 759 983</b>	<b>34 477 606</b>	<b>12 %</b>
3 0	Laqgħat u konferenzi	30 180 428	26 242 041	3 938 387	15 %
3 2	L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni	97 821 408	93 647 680	4 173 728	4 %
<b>Titolu 3 "In-nefqa ġenerali għall-operat amministrattiv tal-istituzzjoni"</b>		<b>128 001 836</b>	<b>119 889 721</b>	<b>8 112 116</b>	<b>7 %</b>
4 0	Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi	76 088 322	69 215 824	6 872 498	10 %

Kapitolu	Intestatura	2010 (EUR)	2009 (EUR)	Bidla (EUR)	Bidla %
4 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	153 418 841	153 358 430	60 411	0,04 %
4 4	Laqgħat u attivitajiet oħra tal-membri parlamentari attwali u tal-ex Membri	310 000	310 000	0	0 %
<b>Titolu 4 "Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali li jsiru mill-istituzzjoni"</b>		<b>229 817 163</b>	<b>222 884 254</b>	<b>6 932 909</b>	<b>3 %</b>
<b>Titolu 10 "Infiq ieħor"</b>		<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>—</b>
<b>Total</b>		<b>1 552 290 272</b>	<b>1 417 629 732</b>	<b>134 660 540</b>	<b>9 %</b>


Dijagramma 2

Analiżi tal-infiq fl-2010 skont il-kapitolu



Dijagramma 3

L-evoluzzjoni tal-appropriazzjonijiet għall-impenji bejn l-2009 u l-2010, skont il-kapitolu





## I. Kapitolu 10 “Membri tal-Istituzzjoni”

25. Dan il-kapitolu kien jirrappreżenta 13 % tan-nefqa totali fis-sena finanzjarja 2010 u żdied b'24 % meta mqabbel mal-2009. Din iż-żieda tista' tiġi spjegata biż-żieda fil-Partita 1 0 0 0 “Salarji” — li żdiedet b'121 %, u b'żieda ta' 16 % fil-Partita 1 0 0 4 “Spejjeż għall-vjaġġi regolari” li ġiet paċuta permezz ta' tnaqqis fil-Partita 1 0 0 6 “Allowance għall-ispejjeż ġenerali” — li naqset bi 13 %, u tnaqqis fil-Partita 1 0 3 3 “Skemi ta' pensjonijiet voluntarji għall-Membri” - li naqset b'99 %.
26. Dawn l-iżviluppi kienu dovuti għad-dħul fis-seħħ tal-Istatut il-ġdid tal-Membri fl-2009. Is-sena finanzjarja 2010 kienet l-ewwel sena sħiħa li fiha l-Istatut tal-Membri kien implimentat għalkollox. L-ewwel stimi għall-baġit 2010 saru fil-bidu tal-2009, jiġifieri qabel id-dħul fis-seħħ tal-Istatut tal-Membri. Anke fl-aħħar tal-2009, wara l-ewwel xhur tal-implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji setgħet tiġi stmata biss b'ċertu firxa ta' nuqqas ta' sigurtà, meta jitqies li l-2009 kienet sena atipika b'iktar minn 50 % tal-Membri eletti għall-ewwel darba, bis-sitwazzjoni li r-regoli kienu ġodda għall-Membri kif ukoll għall-amministrazzjoni, bl-ispeċifitajiet ta' perjodu ta' wara elezzjoni.
27. L-impnġi fil-Partita 1 0 0 0 “Salarji” kienu għalhekk fil-livell ta' EUR 67 712 999 (33 % tal-impnġi tal-Kapitolu 1 0), filwaqt li ġew impnġati EUR 75 133 000 fil-Partita 1 0 0 4 “Spejjeż għall-vjaġġi regolari”, li jirrappreżentaw 36 % tal-impnġi tal-Kapitolu 1 0. Din l-aħħar Partita tkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza b'rabta mal-ivvjaġġar għall-postijiet tax-xogħol u minnhom, kif ukoll ta' vjaġġar ieħor fuq xogħol.
28. Fl-2010 l-Membri għamlu total ta' 17 058 vjaġġ biex jattendu sessjonijiet parzjali fi Strasburgu u fi Brussell, 30 216 vjaġġ għal laqgħat tal-kumitati u 2 536 vjaġġ għal laqgħat tal-gruppi politiċi fi Brussell<sup>(1)</sup>. Fir-rigward tal-ivvjaġġar barra mill-postijiet tax-xogħol tas-soltu tal-Parlament, kien hemm 866 vjaġġ għal laqgħat tal-kumitati, 1 399 vjaġġ għal laqgħat tal-gruppi politiċi u 1 842 vjaġġ b'rabta mal-laqgħat tad-delegazzjonijiet parlamentari.
29. L-impnġi fil-Partita 1 0 0 6 “Allowance għall-ispejjeż ġenerali” kienu jammontaw għal EUR 36 966 241 (18 % tal-impnġi tal-Kapitolu 1 0) Dak l-ammont kien ikopri spejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet parlamentari tal-Membri. L-allowance ta' kull xahar hija ta' EUR 4 223.

## J. Kapitolu 12 “Uffiċjali u aġenti temporanji”

30. Dan il-kapitolu ammonta għal 34 % tan-nefqa tal-2010 — l-ikbar sehem tan-nefqa komplessiva. Kien hemm żieda ta' 6 % fl-infiq meta mqabbel mas-sena preċedenti minħabba żieda fl-Artikolu 1 2 0. Kienet dovuta primarjament għal iktar infiq (+ 6 %) fil-Partita 1 2 0 0 “Remunerazzjoni u allowances” li kien rifless fil-baġit emendatorju (+ EUR 4 565 164) u trasferimenti wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-adattament b'lura tas-salarji fl-2009.
31. Il-Partita 1 2 0 0 kellha tissaħħaħ b'EUR 6,2 miljun (trasferiment C6) minħabba rata ta' karigi battala reali aktar baxxa milli kien stmat (ġie presuppust tnaqqis b'rata fissa standard għolja wisq fl-istadju tal-ippjanar) u l-fatt li l-baġit 2010 ma kienx qies biżżejjed in-numru li kulma jmur qed jiżdied ta' trasferimenti ta' uffiċjali minn Istituzzjonijiet Ewropej oħrajn, meta jimtlew karigi ġodda u battala. Tabilħaqq, dawn it-trasferimenti kienu jikkonċernaw primarjament persuni kkwalifikati li nqas mal-Parlament bi gradi ogħla mill-gradi bażiċi, AST1 u AD5, previsti għall-valutazzjoni tal-appropriazzjonijiet għal karigi ġodda. Barra minn hekk, it-trasferiment C12 żied l-appropriazzjonijiet fil-Partita b'EUR 10,6 miljun. L-objettiv ta' dan it-trasferiment kien li jiġu pprovduti biżżejjed fondi biex ikopru l-adattament b'lura tas-salarji fl-2009<sup>(2)</sup> u fl-2010.

<sup>(1)</sup> Innata li vjaġġ jiġi assenjat bħala “laqgħa tal-gruppi politiċi” anke jekk Membru jkun seta' wkoll ħa sehem fil-laqgħa tal-kumitat wara u vice versa.


<sup>(2)</sup> F'Diċembru 2009, fid-deċiżjoni annwali tiegħu dwar l-aġġustamenti tas-salarji skont l-Artikoli 64 u 65 u l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kunsill iddeċieda dwar żieda ta' 1,85 % biss mill-1 ta' Lulju 2009, għalkemm il-Kummissjoni kienet ipproponiet żieda ta' 3,7 % abbażi tal-“metodu” li jinsab fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal. Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni għamlet rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-40/10, il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, rigward l-aġġustament tas-salarji tal-2009. Peress li s-sentenza tal-Qorti, li nġatat fl-24 ta' Novembru 2010, ħassret ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1296/2009, il-Kunsill adotta regolament ġdid lejn l-aħħar ta' Diċembru 2010. Il-porzjon tal-aġġustament tas-salarji li kien ġie rrifjutat inizjalment (1,85 %) għalhekk kien jeħtieġ li jitħallas b'mod retroattiv għall-perjodu minn Lulju 2009 sa Diċembru 2010.



32. Fil-Kapitolu 1 2, il-Partita 1 2 0 0 “Remunerazzjoni u allowances” kienet responsabbli għal madwar 99 % tan-nefqa. L-impenji f’din il-Partita ammontaw għal EUR 525 864 796.
33. Fl-2010, ġew rekrutati 301 uffiċjal u membru temporanju tal-persunal mas-Segretarjat Ġenerali, 149 aġent temporanju ġew rekrutati mal-gruppi politiċi u 425 ġew rekrutati bħala assistenti parlamentari akkreditati. Sal-31 ta’ Diċembru 2010, il-Parlament kien impjega total ta’ 5 515 uffiċjal u membru temporanju tal-persunal. Minn dawn il-membri tal-persunal, 4 951 kienu impjegati mas-Segretarjat u 564 mal-gruppi politiċi.
34. Fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-persunal skont il-ġeneru, fil-31 ta’ Diċembru 2010 n-nisa ammontaw għal 25 % tal-Kapijiet ta’ Unità, 28 % tad-Diretturi u 33 % tad-Diretturi Ġenerali. Id-dijagramma t’hawn taħt tagħti t-tqassim tal-persunal skont il-ġeneru u skont il-grupp ta’ funzjoni.

Dijagramma 4

## Persunal tas-segretarjat skont il-ġeneru



Sors: DG PERSUNAL.

## K. Kapitolu 1 4 “Ħaddiema oħra u servizzi esterni”

35. Dan il-kapitolu ammonta għal 7 % tan-nefqa fl-2010. Iż-żieda ta’ 17 % fuq l-2009 kienet dovuta għal żieda ta’ 27 % fl-infiq fil-Partita 1 4 0 2 “Interpreti għall-konferenzi” u fl-Artikolu 1 4 2 “Servizzi Esterni” (+ 20 %). 52 % tal-appropriazzjonijiet fil-Kapitolu 1 4 kienu allokat għall-Partita 1 4 0 2 u 24 % għall-Partita 1 4 0 0 “Aġenti oħra”.
36. Għall-Partita 1 4 0 2 “Interpreti għall-konferenzi”, l-impenji ammontaw għal EUR 54 990 000 u koprew, bħala parti mill-kooperazzjoni interistituzzjonali (fost l-oħrajn), id-drittijiet, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowances tas-sussistenza tal-interpreti awżiljarji tal-konferenzi li jintużaw mill-Parlament biex jaħdmu f’laqgħat organizzati mill-Parlament jew minn istituzzjonijiet oħra, f’każijiet fejn is-servizzi ma jkunux jistgħu jingħataw mill-interpreti tal-Parlament (uffiċjali jew persunal temporanju).
37. L-interpreti tal-Parlament u l-interpreti awżiljarji tal-konferenzi ħadmu 109 256 jum ta’ interpretu fl-2010 fis-servizz tal-Parlament u tal-istituzzjonijiet l-oħra<sup>(1)</sup> fil-każijiet fejn is-servizzi tal-Parlament jipprovdu l-interpretazzjoni (16 % aktar milli fl-2009, li kienet sena elettorali). L-interpreti tal-Parlament ħadmu 51 977 ġurnata (21 % aktar milli fl-2009), u l-interpreti awżiljarji tal-konferenzi 57 279 (12 % aktar milli fl-2009).
38. L-impenji fil-Partita 1 4 0 0 “Aġenti oħra” ammontaw għal EUR 25 212 376. Din il-Partita tkopri primarjament ir-remunerazzjoni, inklużi l-allokkazzjonijiet u l-allowances, tal-aġenti l-oħra, b’mod partikulari aġenti kuntrattwali, lokali, konsulenti speċjali, il-ħlasijiet ta’ min iħaddem għall-iskemi


<sup>(1)</sup> Il-Qorti tal-Awdituri, l-Ombudsman, iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, laqgħat tal-Kummissjoni f’Lussemburgu u, parzjalment, il-Kumitat tar-Reġjuni.

differenti ta' sigurtà soċjali kif ukoll l-impatt tal-koeffiċent korrettiv applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dawn l-aġenti kif ukoll għall-impjeg tal-persunal temporanju tal-aġenziji. Fil-31 ta' Diċembru 2010, il-Parlament kien jimpjega 634 aġent kuntrattwali. Ġew trasferiti approprjazzjonijiet addizzjonali għal din il-Partita matul is-sena biex jiġi ffinanzjat ir-reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali Kroat bi thejjiha għall-ađeżjoni tal-Kroazja mal-UE.

39. Fid-Dijagramma 5 tingħata analiżi tal-aġenti kuntrattwali skont il-grupp ta' funzjoni.

Dijagramma 5

**Persunal b'kuntratt skont il-grupp ta' funzjoni**



**L. Kapitolu 16 “Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-Istituzzjoni”**


40. Dan il-kapitolu ammonta għal 1 % tan-nefqa fl-2010. Kien hemm tnaqqis ta' 5 % fl-appropriazzjonijiet impenjati f'dan il-kapitolu meta mqabbel mal-2009, minħabba li ma kien ebda nfiq fil-Partita 1 6 1 3 “Taħriġ Professjonali Ulterjuri: Spejjeż ta' missjonijiet”. Din il-Partita tneħħiet min-nomenklatura tal-baġit 2010 u l-appropriazzjonijiet ġew trasferiti għall-Artikolu 3 0 0 “Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff”.
41. Disgħa u tletin fil-mija tal-impenji fil-Kapitolu 1 6 saru fil-Partita 1 6 5 4 “Ċentri għat-tfal zġħar u skejjel materni approvati”, 28 % fil-Partita 1 6 1 2 “Taħriġ Professjonali Ulterjuri” u 17 % fil-Partita 1 6 5 2 “Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins”.
42. Is-Subpartita 1 6 5 4/01 “Ċentri għat-tfal zġħar u skejjel materni approvati: immaniġġjar estern ta' ċentri tat-tfal zġħar tal-Parlament u tal-“family room” fi Brussell u nefqa relatata” kienet responsabbli għall-parti l-kbira tal-infiq fil-Partita 1 6 5 4. L-impenji f'din il-Partita kienu jammontaw għal EUR 5 163 866 u koprew il-kontribuzzjoni tal-Parlament għall-ispejjeż globali ta' ċentri għat-tfal zġħar u l-iskejjel materni esterni li magħhom kien hemm ftehim.
43. L-impenji fil-Partita 1 6 1 2 “Taħriġ Professjonali Ulterjuri” ammontaw għal EUR 3 680 850 u koprew l-infiq fuq it-taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u l-prestazzjoni tal-persunal, u l-effiċjenza tal-istituzzjoni. Fl-2010 kien hem 7 504 persuna li attendew korsijiet interni tal-lingwi, u apparti minn dawn 392 parteċipant attendew korsijiet barra mill-post tax-xogħol. Barra minn hekk, 733 persuna attendew korsijiet tal-IT u 998 attendew korsijiet ta' taħriġ finanzjarju. Ħamsa u tmenin membru tal-persunal attendew korsijiet li saru mill-Iskola Amministrattiva Ewropea. Fir-rigward tat-taħriġ mhux lingwistiku, b'kollox 6 853 parteċipant attendew korsijiet ta' taħriġ interni, u 198 attendew korsijiet esterni.
44. L-impenji fil-Partita 1 6 5 2 “Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins” ammontaw għal EUR 2 313 000. Din il-Partita tkopri l-ispejjeż operattivi tar-ristoranti u l-kantins. Ir-ristoranti u l-kantins servew madwar 1 339 000 klijent, u l-ħanut tal-persunal serva xi 161 000.

### E. Kapitolu 20 'Bini u nefqiet relatati'

45. Dan il-Kapitolu kien responsabbli għal 12 % tal-infiq fl-2010, 2 % aktar mill-2009. Iż-żieda fl-infiq fil-Partiti 2 0 0 3 "Akkwist ta' bini" <sup>(1)</sup>, 2 0 2 2 "It-tindif u l-manutenzjoni" u 2 0 0 0 "Kirjiet" kienet paċuta bi tnaqqis fl-infiq fil-Partita 2 0 0 7 "Sistemazzjoni fil-bini" u 2 0 0 1 "Ħlasijiet ta' ċnus". Fir-rigward tal-Partita 2 0 0 1, fl-2010 ddaħħal ammont ta' EUR 86 miljun f'approprjazzjonijiet minn dħul assenjat f'din il-Partita (ara l-parti I tar-rapport dwar l-appropriazzjonijiet minn dħul assenjat).
46. Fid-dijagramma t'hawn taħt tingħata analiżi tal-appropriazzjonijiet fil-Kapitolu 20 skont it-tip tan-nefqa.

Dijagramma 6

#### Analiżi tan-nefqa fil-Kapitolu 20



47. L-impenji li ddaħlu fil-Partita 2 0 2 2 "It-tindif u l-manutenzjoni" (21 % tal-kapitolu) ammontaw għal EUR 39 351 882 u koprew l-ispiża, abbażi tal-kuntratti attwali, tal-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tas-sistemi tat-tisħin u tal-klimatizzazzjoni u tal-bibien kontra n-nirien, kif ukoll ix-xogħol tat-titbjid u tat-tiswija, eċċ.
48. L-impenji li ddaħlu fil-Partita 2 0 2 6 "Sigurtà u sorveljanza tal-bini" (21 % tal-kapitolu) ammontaw għal EUR 38 917 198 u koprew essenzjalment l-ispejjeż tal-għassa u tas-sorveljanza tal-bini okkupat mill-Parlament fit-tliet postijiet regolari ta' xogħol u fl-uffiċċji tal-informazzjoni. Kien hemm 1 023 <sup>(2)</sup> aġent tas-sigurtà jaħdmu fil-bini tal-Parlament fl-aħħar tal-2010.

### N. Kapitolu 21 'Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara'


49. Dan il-kapitolu ammonta għal 9 % tan-nefqa tal-2010. L-infiq fil-Kapitolu 21 żdied bi 30 % meta mqabbel mal-2009, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fl-infiq fl-Artikolu 2 1 0 "L-informatika u t-telekommunikazzjonijiet". L-infiq f'din il-Partita żdied b'34 % minħabba tliet trasferimenti C (7, 11 u 14) li ammontaw għal madwar EUR 24 miljun. L-appropriazzjonijiet tal-artikolu 2 1 0 jammontaw għal 82 % tal-kapitolu 2 1. Il-maġġoranza tal-appropriazzjonijiet ta' dan il-kapitolu huma mqassma f'żewġ Partiti: 2 1 0 0 "Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni" (41 %) u 2 1 0 2 "Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni" (41 % wkoll). Fid-dijagramma t'hawn taħt tingħata analiżi tan-nefqa tal-Kapitolu 2 1.
50. Iż-żieda ta' 30 % riflessa fit-trasferimenti msemmija hawn fuq hija dovuta għall-introduzzjoni tal-istrateġija għal perjodu medju ta' żmien għall-ICTs adottata mill-Bureau u b'mod partikolari s-Sistema tal-ġestjoni tal-Għarfien u l-proġetti tal-IT sinifikanti ħafna inklużi f'dawn il-programmi. L-estensjoni tan-netwerks mingħajr fili u ċ-Ċentru tad-Data fi Brussell ukoll għandhom rwol ewlieni fir-rigward tal-implikazzjonijiet baġitarji (għal aktar dettalji ara l-parti III tar-rapport).

<sup>(1)</sup> Ma kien hemm ebda appropriazzjonijiet impenjati fl-2009.

<sup>(2)</sup> Ċifri kkalkulati fuq il-bażi ta' kuntratti ta' servizz li jistipulaw obbligu li jinkiseb riżultat speċifiku, imma mingħajr ebda numru speċifiku tal-persunal.

Dijagramma 7

## Analiżi tan-nefqa fil-Kapitolu 2 1



51. L-impenji li ddaħħlu fil-Partita 2 1 0 0 “Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni” ammontaw għal EUR 56 626 299. Din l-appropriazzjoni kopriet in-nefqa fuq ix-xiri, il-kiri, is-“servicing” u l-manutenzjoni ta’ tagħmir u softwer għall-istituzzjoni, u xogħol relatat. Dan it-tagħmir u dan is-softwer jikkonċerna b’mod partikolari s-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u tat-telekommunikazzjoni, l-informatika fil-livell tad-dipartimenti u tal-gruppi politiċi, kif ukoll il-votazzjoni elettronika.
52. L-impenji li ttieħdu fil-partita 2 1 0 2 “Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni” ammontaw għal EUR 55 814 490 u fil-biċċa l-kbira koprew l-ispejjeż għall-assistenza esterna minn kumpaniji ta’ servizzi u ta’ konsulenza rigward l-ipproċessar ta’ data b’rabta mat-tħaddim ta’ ċentru tal-informatika u tan-netwerk, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet, l-assistenza għall-utenti, inklużi Membri Parlamentari u l-gruppi politiċi, it-twertiq ta’ studji, u t-fassil u l-input ta’ dokumentazzjoni teknika.
53. Il-kapaċità informatika u l-potenza tal-ipproċessar żdiedu bi 28 % tul il-perjodu rieżaminat. F’Diċembru 2009, il-kapaċità tal-memorja kienet ta’ 1 803 021 gigabytes (Gb), meta mqabbel ma 2 314 240 Gb fi tmiem l-2010. Rigward il-potenza tal-ipproċessar, il-kapaċità tas-sistemi tal-IT ċentrali tal-Parlament biex jipproċessaw kwantità speċifika ta’ data f’perjodu partikolari tinżamm fl-istess livell tas-sena preċedenti. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni, in-numru ta’ patches ittestjati u integrati fin-netwerk, is-servers, is-softwer u l-postijiet tax-xogħol naqas b’46 % (1 886 fl-aħħar tal-2009, meta mqabbel ma’ 1 019 fl-aħħar tal-2010) minħabba iktar stabbiltà tas-sistema tal-IT.

### O. Kapitolu 2 3 ‘In-nefqa amministrattiva kurrenti’

54. Dan il-kapitolu ammonta għal 1 % tan-nefqa tal-2010. It-tnaqqis b’4 % f’dan il-kapitolu fl-2009 kien primarjament minħabba nfiq iktar baxx fl-Artikolu 2 3 2 “Spejjeż legali u ħsarat” – li naqas b’21 %.
55. In-nefqa f’dan l-artikolu kienet analizzata kif ġej: 55 % fl-Artikolu 2 3 5 “Telekommunikazzjoni”; 19 % fl-Artikolu 2 3 0 “Kancellarja, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi” u 10 % fl-Artikolu 2 3 2 “Spejjeż legali u ħsarat”.

### P. Kapitolu 3 0 ‘Laqgħat u Konferenzi’

56. Dan il-Kapitolu ammonta għal 2 % tan-nefqa tal-2010. L-appropriazzjonijiet tal-2010 żdied bi 15 % meta mqabbel mal-2009. Dan irriżulta minn żieda fl-Artikolu 3 0 0 “Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff”. Fl-2010 l-Parlament bil-mod issokta l-attività tiegħu bi sħiħ wara s-sena tal-elezzjonijiet l-2009.

57. Fl-2010, kien hemm 33 200 missjoni (vjaġġi) li koprew total ta' 98 629 jum ta' missjoni. Bosta mill-missjonijiet kienu jinvolvu l-ivvjaġġar bejn it-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament (Brussell – 5 391 missjoni Strasburgu – 20 125; u l-Lussemburgu – 2 477).


**Q. Kapitolu 3 2 'L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni'**

58. L-approprijazzjonijiet f'dan il-Kapitolu ammontaw għal 6 % tan-nefqa tal-2010. Kien hemm żieda ta' 4 % fl-approprijazzjonijiet meta mqabbel mas-sena preċedenti. Ħamsa u għoxrin fil-mija tal-approprijazzjonijiet tal-kapitolu ntużaw għall-partita 3 2 4 4 "L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi", 14 % għall-partita 3 2 4 2 "Nefqiet għall-pubblikazzjoni, t-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi", 13 % għall-partita 3 2 4 3 "Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi" u 12 % għall-partita 3 2 4 8 "In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviviva".

59. Fid-dijagramma t'hawn taħt tingħata analiżi tan-nefqa.

Dijagramma 8

**Analiżi tan-nefqa fil-Kapitolu 3 2**



60. L-impenji li ttieħdu fil-partita 3 2 4 4 "L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi" kienu jammontaw għal EUR 24 534 587 u koprew sussidji li ngħataw għal żjarat ta' gruppi u s-superviżjoni assoċjata u l-ispejjeż tal-infrastruttura, l-ispejjeż tat-tħaddim tal-programm Euroscola, u l-finanzjament tal-apprendistati għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi.

61. L-impenji li ttieħdu fil-partita 3 2 4 2 "Nefqiet għall-pubblikazzjoni, t-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi" ammontaw għal EUR 13 633 133 u koprew, b'mod partikolari, in-nefqa fuq il-pubblikazzjonijiet tal-informazzjoni, inklużi l-pubblikazzjonijiet elettroniċi, l-attivitajiet tal-informazzjoni, ir-relazzjonijiet pubbliċi, il-parteċipazzjoni fl-avvenimenti pubbliċi, il-fieri kummerċjali u l-wirjiet fl-Istati Membri u fil-pajjiżi ta' adeżjoni, kif ukoll l-aġġornament tal-Osservatorju Istituzzjonali u Leġiżlattiv Ewropew (OEIL).

62. L-impenji li ttieħdu fil-partita 3 2 4 3 "Iċ-Ċentru tal-Viżitaturi" żdiedu b'mod sinifikanti (+ 227 %) meta mqabbel mal-2009 u jammontaw għal EUR 12 725 985. L-evoluzzjoni tan-nefqa hija konformi mal-ippjanar ta' dan il-proġett kumpless ħafna. Għad-dettalji ara l-parti III tar-rapport.

63. L-impenji li ttieħdu fil-partita 3 2 4 8 "In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviviva" ammontaw għal EUR 12 137 103 u koprew nefqa relatata ma':


- il-baġit tal-operat tas-settur awdjoviżiv (inklużi s-servizzi taħt il-kontroll proprju u assistenza esterna bħal servizzi tekniċi għal stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, tfassil, produzzjoni, koproduzzjoni u xandir ta' programmi awdjoviżivi, kiri ta' linji, tranżmissjoni ta' programmi tat-televiżjoni u tar-radju, azzjonijiet oħra ta' żvilupp ta' relazzjonijiet tal-istituzzjoni mal-entitajiet tax-xandir awdjoviżiv),
  - l-ispejjeż marbuta max-xandir dirett, fuq l-internet, tas-seduti plenarji u tal-laqgħat tal-kumitati parlamentari,
  - l-irrekjorjard tas-sessjonijiet parzjali fuq DVD-ROM,
  - il-ħolqien ta' arkivji xierqa u ta' search engine li jggarantixxu aċċess permanenti lill-pubbliku għal din l-informazzjoni.
64. Rigward il-produzzjoni tal-informazzjoni adjoviżiva, fl-2010 kien hemm 12 275 siegħa għall-midja u kljenti oħra. Ta' min jinnota li b'kollox ġew trasmessi minn fuq l-internet 767 laqgħa tal-kumitat ta' nofstanhar (meta mqabbel mal-2009 l-volum tas-sessjonijiet tal-kumitati li ġew trasmessi minn fuq l-internet irdoppja). Rigward il-produzzjoni tal-Ewropa bis-Satellita, ġew prodotti 809 punti tal-aħbarijiet ġodda, 58 klipp tal-informazzjoni u 475 storja lajv.

#### R. Kapitolu 4 0 'Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi'

65. Dan il-Kapitolu kopra 5 % tan-nefqa tal-2010 u kien hemm żieda ta' 10 % meta mqabbel mas-sena finanzjarja preċedenti. L-Artikolu 4 0 0 "Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati" kopra 70 % tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 4 0. L-impenji ta' dak l-artikolu ammontaw għal EUR 53 355 142 u kien maħsub li jkopru dawn li ġej b'rabta mal-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati:
- l-ispejjeż tas-segretarjat, amministrattivi u operattivi,
  - l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet politiċi u informattivi tagħhom fil-qafas tal-attivitajiet politiċi tal-UE.
66. L-Artikolu 4 0 2 "Kontribuzzjonijiet lill-Partiti Politiċi Ewropej" kopra 18 % (EUR 14 m) tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 4 0.

Dijagramma 9

#### Analiżi tan-nefqa fil-Kapitolu 4 0





### S. Kapitolu 4 2 'Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari'

67. Dan il-Kapitolu kopra 10 % tan-nefqa tal-2010 u n-nefqa kienet stabbli bejn l-2009 u l-2010. L-Artikolu 4 2 2 0 "L-assistenza parlamentari" ammonta għal 99 % tal-approprijazzjonijiet f'dan il-kapitolu. L-impenji li ttehdju f'dan l-artikolu ammontaw għal EUR 152 645 163 kif ukoll l-ispejjeż tal-assistenza parlamentari. Hu mfakkar li l-baġit li jemenda fl-2010 żied l-assistenza personali għall-Membri (ara l-parti I tar-rapport għad-dettalji).
68. Fil-31.12.2010 kien hemm 1 483 assistent parlamentari akkreditat jaħdem mal-PE. F'Diċembru 2010, 2 198 assistent lokali kellhom kuntratt tal-impjeg mal-Membri. L-għadd medju ta' assistenti lokali impjegati hu ta' 3,4 għal kull Membru. L-għadd ta' assistenti lokali impjegati għal kull Membru jvarja ħafna, bejn 0 u 45 fl-2010. Minkejja li 97 Membru ma għandhomx impjegati lokali, 35 Membru rreklutaw iktar minn 10 impjegati fl-Istati Membri tagħhom fl-2010.

### T. Titolu 1 0 'Infiq ieħor'

69. Il-Kapitolu f'dan it-titolu fihom approprijazzjonijiet proviżorji li jistgħu jkunu impenjati biss ladarba jiġu trasferiti għal linja operattiva. Trasferimenti ta' approprijazzjonijiet proviżorji jiġu ttrattati fit-Taqsimi I ta' dan ir-rapport. L-approprijazzjonijiet inizjali f'dan it-titolu ammontaw għal EUR 46 441 800, jiġifieri 3 % tal-approprijazzjonijiet inizjali totali. Total ta' EUR 42 241 800 ġew trasferiti u l-baġit li jemenda naqqas l-approprijazzjonijiet fil-Kapitolu 10 5 "Approprijazzjoni proviżorja għall-bini" b'EUR 4 000 000. Il-bilanċ mhux użat tal-Kapitolu 10 1 "Riserva ta' kontinġenza" laħaq EUR 200 000, madwar 0,1 % tal-approprijazzjonijiet finali totali fl-2010.

### III. OBIETTIVI U RIŻULTATI TAL-2010

70. Wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2009, fl-2010 l-Parlament reġa' assumu b'mod gradwali l-attività sħiħa tiegħu tul is-sena. Kienet sena ta' adattament kontinwu f'dak li jikkonċerna t-titjib tal-metodi ta' xogħol u l-modernizzazzjoni tagħhom, u dan jimxi id f'id mar-responsabilitajiet politiċi u leġiżlattivi tiegħu, u l-evalwazzjoni li tikkonċerna sensiela ta' inizjattivi multiannwali mnedija matul dawn l-aħħar ftit snin. Wara r-ratiffika tat-Trattat ta' Lisbona u d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Diċembru 2009, kellhom jiġu indirizzati adattamenti meħtieġa li kienu jeħtieġu nefqa baġitarja (qabbel l-informazzjoni dwar il-baġit li jemenda fil-parti I tar-rapport).
71. L-obiettivi mniżżla hawn taħt huma bbażati fuq il-linji gwida stabbiliti mis-Segretarju Ġenerali għall-2009-2010 kif ukoll dawk adottati mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu:
- Linji gwida għall-proċedura tal-baġit 2010 – Taqsimiet I, II u IV-IX bid-data l-10 ta' Marzu 2009
  - L-istimi tal-Parlament Ewropew għall-2010 bid-data tal-5 ta' Mejju 2009
  - Il-baġit ta' emenda Nru 1/2010: Taqsimi I – il-Parlament bid-data tad-19 ta' Mejju 2010

### A. L-issodisfar tar-rwol leġiżlattiv imsaħħaħ bit-Trattat ta' Lisbona

72. It-Trattat estenda l-użu tal-ko-deċiżjoni bħala l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tapplika għal madwar 95 % tal-leġiżlazzjoni. It-Trattat kellu wkoll konsegwenzi kbar fuq il-każijiet kollha fejn il-proċedura ta' konsultazzjoni ġiet sostitwita bil-proċedura ta' approvazzjoni, partikolarment rigward in-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali.
73. Barra minn hekk, it-Trattat ta' Lisbona implika segwitu tekniku addizzjonali mis-servizzi tal-Parlament: inizjattivi miċ-ċittadini, il-konsultazzjoni obbligatorja tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, responsabilità akbar għall-Bank Ċentrali Ewropew, rwol ġdid fil-ħatra ta' Imħallfin u tal-Avukati-Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qrati Ġenerali, drittijiet ġodda għat-tagħrif, eċċ.

#### A.1. Il-politiki interni tal-UE

74. Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' lisbona ħoloq prerogattivi importanti ġodda għall-PE, foqasma bħall-agrikultura (il-Kumitat AGRI), is-sajd (PECH), il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (LIBE), is-sorveljanza multilaterali (ECON), u introduċa bidliet importanti fil-proċedura baġitarja tal-UE (BUDG). Strumenti ġodda qed jiġu stabbiliti bħall-inizjattiva taċ-ċittadini (AFCO), atti delegati u implimentattivi (responsabilità orizzontali: JURI), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna SEAE (b'rwol għall-AFCO dwar l-aspetti istituzzjonali, JURI dwar ir-regolamenti tal-persunal, CONT dwar ir-regolament finanzjarju u BUDG dwar il-baġit tiegħu). Il-proċeduri fejn hi meħtieġa l-approvazzjoni tal-PE (l-iktar fi ftehimiet internazzjonali) jimplikaw konsultazzjonijiet tal-kumitati: eż. TRAN, LIBE jew PECH.

75. It-tisħiħ tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali permezz tat-Trattat ta' Lisbona kellu effett dirett fuq il-metodi ta' ħidma tal-Parlament u, b'mod partikulari, tal-kumitati parlamentari; il-mekkaniżmu l-ġdid ta' kontroll imsaħħaħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà (karta "safra" u karta "oranġjo"), il-miżuri ulterjuri ta' salvagwardja introdotti mit-Trattat ta' Lisbona ("brejks ta' emerġenza"), jew l-iżvilupp meħtieġ ta' djalogu preleġislattiv u postleġislattiv mal-parlamenti nazzjonali għandu impatt fuq l-attivitàjiet u l-ammont ta' xogħol tal-kumitati.
76. Ħafna deċiżjonijiet leġislattivi importanti bdew u tħejjew mill-kumitati: *mir-rifjut tal-ftehim tal-kondiviżjoni ta' data SWIFT għall-adozzjoni tal-baġit 2011, l-inizjattiva taċ-ċittadini, il-pakkett tas-sorveljanza finanzjarja, l-SEAE, il-governanza ekonomika eċċ. L-attività leġislattiva qed jerġa' jikseb il-momentum, u bosta inizjattivi non-leġislattivi strateġiċi mressqa mill-Kummissjoni fl-2010 jistgħu jiġu segwiti minn għadd kbir ta' proposti leġislattivi relatati fix-xhur li ġejjin, partikolarment fil-qafas tal-istrateġija UE 2020.*
77. Għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ġiet implimentata l-proċedura baġitarja riveduta tal-UE. Barra minn hekk, il-Parlament assuma responsabilitajiet ġodda marbuta man-nefċiet obbligatorji tal-UE. Minbarra dan, il-PE beda jaħdem fuq l-allinjament tal-ftehim interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda mar-rekwiżiti tat-Trattat ta' Lisbona u qed jistenna bil-ħerqa għal rieżami sħiħ ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju multiannwali.
- A.2. Il-politiki esterni tal-UE*
78. It-Trattat għandu konsegwenzi importanti fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni. Il-Parlament igawdi minn setgħat ġodda leġislattivi, baġitarji u ta' kontroll u għandu rwol fin-nomina u fir-relazzjonijiet mal-Viċi President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli u mar-Rappreżentanti Speċjali tiegħu/tagħha). Għall-Parlament dan jaffettwa b'mod partikolari l-entitajiet li jindirizzaw il-politika kummerċjali komuni u s-Servizz għall-Azzjoni Esterna.
79. Fil-qafas tan-negozjati dwar l-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), il-PE kiseb konċessjonijiet importanti f'termini tal-iskrutinju tal-Parlament u l-kontroll ex-ante demokratiku tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK). Il-Parlament kiseb id-dritt li jiġi kkonsultat, f'format xieraq għall-kunfidenzjalità tal-każ, qabel l-adozzjoni mill-Kunsill tal-mandati jew l-istrateġiji tal-PESK. Kiseb ukoll d-dritt għall-MPE li jkollhom aċċess għal informazzjoni klassifikata tal-PESK fuq bażi li dan l-aċċess ikun disponibbli skont il-ħtieġa (l-ewwel użu sar għall-mandat ta' negozjati dwar il-Ftehim Qafas UE-Libja) u impenn mir-Rappreżentant Għoli/il-Viċi-President li tibda l-proċess tan-negozjati mill-ġdid tal-ftehim Interistituzzjonali dwar l-aċċess għal informazzjoni klassifikata tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). Il-Kumitat għall-Affarijiet barranin ingħata d-dritt ukoll li jinter- vista lil dawk nominati għall-Kap ta' Delegazzjoni jew il-karigi tar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE qabel ma jibdew il-ħidma tagħhom. Erba' Kapijiet ta' Delegazzjonijiet tal-UE maħtura dan l-aħħar ġew intervisti f'laqgħat in camera s'issa. Fl-aħħar, il-Parlament kiseb ħafna iktar trasparenza fil-baġit tal-PESK, peress li minn issa 'l quddiem ser tapplika l-proċedura ordinarja u l-missjonijiet tal-PSDK ewlenin ser ikunu identifikati b'mod ċar f'partiti separati (kif diġà sar fil-baġit 2011).
80. Bit-Trattat ta' Lisbona, ir-relazzjonijiet tal-UE maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-Istati Membri tagħha nbidlu fil-kwalità, minħabba l-involvement attwali dirett tal-PE fin-negozjati ta' għadd sinifikanti ta' ftehimiet maż-ŻEE u iktar minn 100 ftehim bilaterali mal-Isvizzera.
81. Rigward it-tkabbir tal-UE, 32 membru tal-persunal Kroat ġew rekrutati. Essenzjalment kienu assenjati għas-servizzi lingwistiċi u s-servizzi ta' Direttorati Ġenerali oħra involuti fit-tħejjija għat-tkabbir. Minn nofs Settembru, l-Unità Kroata l-ġdida bdiet il-ħidma tagħha fuq it-traduzzjoni ta' dokumenti ewlenin tal-PE.



## B. It-titjib tas-servizzi lill-Membri

### B.1. Appoġġ leġiżlattiv

82. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u r-responsabilitajiet l-ġodda tal-Parlament, il-livelli ta' reklutaġġ fid-dipartimenti tas-segretarjati tal-kumitati parlamentari ġew aġġornati u fil-futur se jikkonsistu f'6 jew 9 jew 12-il amministratur skont l-ammont ta' xogħol leġiżlattiv tagħhom. Bl-istess mod, il-livelli ta' reklutaġġ tad-dipartimenti ta' politika, ir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali, il-librerija, is-segretarjati tal-gruppi politiċi kif ukoll il-pakkett għall-assistenti tal-Membri ġew adattati. Il-baġit ta' emenda żied l-ammont ta' persunal għall-gruppi politiċi b'75, għas-segretarjati tal-kumitati b'70 u għar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali b'5 postijiet. L-għotja għas-segretarjat żdied b'EUR 1 500 fix-xahar għal kull Membru. Barra minn hekk, sabiex tiżdied l-effiċjenza, is-segretarjati tad-delegazzjonijiet u l-assemblei interparlamentari tpoġġew fi gruppi reġjonali konġunti li jippermettu lill-kollegi jispeċjalizzaw f'reġjun u biex ikun faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-delegazzjonijiet bilaterali marbuta u l-assemblei multilaterali.
83. L-għoti ta' għajnuna lill-President u lill-Viċi-Presidenti ttejjeb permezz tal-preparazzjoni ta' aġġornamenti ta' sessjonijiet parzjali minn task force bejn is-servizzi bil-parteċipazzjoni tad-Direttorat għas-Seduta Plenarja, id-Direttorat għas-Servizzi tal-Presidenza, id-Direttorat għall-Atti Leġiżlattivi u d-Direttorat għal-Librerija u l-Ġestjoni Dokumentarja.
84. L-għoti ta' servizzi lill-Membri (servizzi analitiċi u analiżi tal-librerija) żdied b'mod sinifikanti (+40 % meta mqabbel mal-perjodu korrispondenti tul is-sitt terminu parlamentari): is-servizzi analitiċi kienu konsolidati, u s-servizzi tal-informazzjoni kibru b'pass sod. Il-produzzjoni analitika żdiedet f'termini ta' volum kif ukoll għadd ta' prodotti. Prodotti ġodda ġew żvilupati bil-ħsieb li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Membri b'mod iktar effikaċi. Is-servizz ipprovdut lill-klijenti tal-librerija (mhux biss l-MPE) ittejjeb permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-katalogi elettronika ġdida (inkluż għall-akkwisti), li ġiet integrata fis-sit elettroniku.
85. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex jit wasslu u jintbagħtu l-opinjoni tal-parlamenti nazzjonali (in-numru ta' dawn qed jiżdied bil-ħeffa) iffaċilita komunikazzjoni aħjar bejn il-parlamenti f'dan il-qasam u l-għoti iktar imħaffef u flessibbli ta' informazzjoni lill-kumitati parlamentari rilevanti.

### B.2. L-Istatut tal-Membri u l-Istatut tal-Assistenti


86. Is-sena 2010 kienet l-ewwel sena sħiħa li fiha l-Parlament kien responsabbli għall-implimentazzjoni ta' Statut ġdid għall-Membri u l-Istatut il-ġdid għall-Assistenti. Il-Grupp Temporanju ta' Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri u l-Assistenti' Statute (TEG), imwaqqaf mill-Bureau fl-2009 u kompost minn erba' Viċi-Presidenti, il-Kwestatur fil-kariga u l-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, kompla l-ħidma tiegħu fl-2010 bl-appoġġ tas-servizzi tal-Parlament. Ir-rakkomandazzjonijiet tat-TEG wasslu għal sett ta' modifiki għall-Miżuri Implimentattivi għall-Istatut tal-Membri u tal-Assistenti adottati mill-Bureau fil-laqgħat tiegħu fl-2009 u fl-2010.
87. Is-servizzi ppreparaw l-applikazzjonijiet tal-IT meħtieġa biex jiġi implimentat l-Istatut kif ukoll l-adattament tal-formoli meħtieġa għall-Membru u l-assistenti u ħafna informazzjoni (diversi settijiet ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet biex jitqassmu fost il-Membri, karti ta' informazzjoni għall-intranet, eċċ).

### B.3. Aċċess ugwali għall-faċilitajiet lingwistiċi għall-Membri

88. L-interpretazzjoni ġiet ipprovduta lill-Parlament Ewropew għal 5 664 laqgħa inklużi missjonijiet barra t-tliet postijiet tax-xogħol u s-servizzi tal-IAP Barra minn hekk, l-interpretazzjoni kienet disponibbli għal 590 laqgħa għall-Kummissjoni Ewropea, 69 laqgħa għall-Kumitat tar-Reġjuni, 136 laqgħa għall-Qorti tal-Awdituri, inklużi missjonijiet u 6 għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni
89. Ġie tradott total ta' 1 721 191 paġna (1 033 176 minnhom internament, 381 804 esternament u 306 211 għar-rapport verbatim). L-analiżi ta' traduzzjoni mqasma skont il-kategorija u l-evoluzzjoni tagħha mill-2008 tidher hawn taħt. Is-servizzi tal-Parlament irnexxielhom ikampaw bit-talba għat-traduzzjoni minkejja l-fatt li l-iskadenzi minimi għall-preżentazzjoni ta' dokumenti għat-traduzzjoni stabbilit fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwaliżmu ġie rrispettat biss f'35 % tal-każijiet.

Dijagramma 10

## Analiżi ta' paġni tradotti bejn l-2008 u 2010



## B.4. It-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni

90. Fl-24 ta' Marzu 2010, wara l-proposta tal-Kumitat għall-Istrategġija tal-Innovazzjoni tal-ICT, il-Bureau adotta l-pjan ta' strategġija tal-ICT għal perjodu ta' żmien medju. Din l-istrategġija hija msejsa fuq tliet pilastri:

- l-użu sħiħ tat-Trattat il-ġdid ta' Lisbona bil-għan li jingħata aktar poter lill-MPE fl-eżerċitar tal-mandat tagħhom;
- it-titjib tal-komunikazzjoni mobbli, il-konnettività, il-mobilità u l-interoperabilità;
- it-tisħiħ tal-komunikazzjoni istituzzjonali mal-parlamenti nazzjonali, maċ-ċittadini Ewropej u mas-soċjetà ċivili.

91. Hu meħtieġ li l-ICT fil-Parlament Ewropew jissodisfa żewġ objettivi. L-ewwel objettiv hu li jiġi stabbilit u jinżamm servizz ta' kwalità għolja u li jkun sostenibbli fl-użu tal-ICT, għall-komunikazzjoni istituzzjonali tiegħu maċ-ċittadini Ewropej, għall-għoti ta' appoġġ lill-Membri tiegħu u għall-funzjonament tal-amministrazzjoni tiegħu. It-tieni objettiv hu li jitwasslu prodotti tal-ICT għall-linji gwida politiċi għall-'użu sħiħ tat-Trattat il-ġdid ta' Lisbona bil-għan li jingħata aktar poter lill-MPE fl-eżerċitar tal-mandat tagħhom' għat-'titjib tal-komunikazzjoni mobbli, il-konnettività, il-mobilità u l-interoperabilità' u għat-'tisħiħ tal-komunikazzjoni istituzzjonali mal-parlamenti nazzjonali, maċ-ċittadini Ewropej u mas-soċjetà ċivili'.

92. Fil-qafas tal-istrategġija, is-Sistema tal-Ġestjoni tal-Għarfien (KMS) għandha l-għan li ttiprovdi lill-Membri u lis-Segretarjat Ġenerali b'search engine wieħed għal dokumenti leġiżlattivi abbażi ta' meta-data multilingwa li jista' jkun kondiviż fuq livell interistituzzjonali <sup>(1)</sup>. L-2009 u l-2010 kienu ddedikati għall-produzzjoni tal-proċess ta' indiċizzazzjoni, speċifikazzjonijiet funzjonali, tlestija ta' siti elettroniku u databases esterni.

93. Rigward iċ-Ċentru tad-Data l-ġdid fi Brussell id-disinn u l-arkitettura ppjanata kif ukoll il-pjan ta' migrazzjoni tlestew. Bħala parti mill-proġett e-Parliament, inbdiet il-produzzjoni ta' AT4AM (ġestjoni tal-emendi). Fil-kontest tal-proġett Paperless, ġew iprovdu provi tal-kunċetti għal e-Meeting u e-Committees. Ġie installat tagħmir tad-dawl għan-network mingħajr fili fl-emiċikli fi Brussell u Strasburgu. Tlestew studju u l-preparazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Wi-Fi fil-binjiet kollha tal-Membri. Barra minn hekk, ġie introdott Uffiċċju ta' Servizz ġdid tal-ITEC għall-MPE biex tiġi pprovduta għajnuna personalizzata lill-Membri.

<sup>(1)</sup> Għandha tittieħed nota li l-KMS tkopri biss il-parti leġiżlattiva tal-attivitàjiet tal-Istituzzjoni, mhux il-parti amministrattiva.

**C. Il-Politika tal-Komunikazzjoni**

94. Rigward is-sit elettroniku awdjoviżiv għall-professjonisti, f'Diċembru 2010 ġiet immedija pjattaforma awdjoviżiva online ġdida faċli biex tintuża mill-udent. Diġà saret il-punt ta' kuntatt ewlieni għal materjal ta' vidjo, awdjo u ritratti tax-xandir ta' kwalità prodotti mill-Parlament, partikolarment għal pakketti tematiċi. Is-servizz tat-trasmissjoni fuq l-internet ġie estiż għall-kumitati parlamentari kollha, il-konferenzi tal-istampa u avvenimenti istituzzjonali importanti. Issa hemm disponibbli 13-il trasmissjoni simultanja.
95. Titjib ewlieni tat-televiżjoni minn fuq l-internet tal-Parlament jinkludi l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-kontenut, trasmissjoni ta' programmi b'iktar ħeffa, titjib viżwali u navigazzjoni f'temi speċifiċi. Fl-istess waqt, kien hemm iktar integrazzjoni tal-programmi Europarltv permezz tas-sit elettroniku ewlieni tal-Parlament u l-paġni ta' Facebook. Kien hemm 9 858 549 viżitatur differenti fl-2010 u 255 922 828 paġna ġew aċċessati b'kollox.
96. Fl-attivitajiet kollha organizzati minnhom, l-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-PE (EPIOs) laħqu madwar 6 miljun ċittadin direttament u 60 miljun ċittadin indirettament. B'mod partikolari, EPIOs organizzaw 86 Fora taċ-Ċittadini, inklużi 5 b'dimensjoni transkonfinali. Il-fora rnexxew bħala strument biex iżid, b'mod kwalitattiv u kwantitattiv, il-kuntatti diretti tal-Parlament maċ-ċittadini tal-UE. Barra minn hekk, l-EPIOs irnexxew fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti biex jiċċelebraw il-Jum Internazzjonali tan-Nisa u Jum l-Ewropa, bis-60 anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Schuman din is-sena. Mill-analiżi tal-istampa li toħroġ kuljum flimkien mal-EPIOs, total ta' madwar 100 artikolu dwar iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Ewropa ġew identifikati fil-midja ta' iktar minn nofs l-Istati Membri. B'kollox 26 avveniment u kampanja ġew organizzati madwar id-dinja u laħqu lil 100 552 parteċipanti fil-bini tal-PE u eluf ta' parteċipanti barra l-bini.
97. Għall-Premju Sakharov ġew organizzati bosta attivitajiet differenti mill-EPIOs biex jiġu promossi d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Premju Sakharov. Fl-2010 il-Premju ngħata lil Guillermo Farinas ta' oriġini Kubana.
98. Fl-2010 għall-ewwel darba is-Servizz tal-Viżitaturi laqa' iktar minn 300 000 viżitatur. Kien hemm madwar 220 000 viżitatur fi Brussell u madwar 80 000 waqt is-sessjonijiet plenarji fi Strasburgu. B'kollox dawn il-viżitaturi rrappreżentaw madwar 7 900 grupp. Madwar 28 400 kienu viżitaturi individwali, li l-biċċa l-kbira tagħhom segwew it-tour multimedjali l-ġdid fi Brussell. Fi Strasburgu, total ta' 8 574 parteċipant (studenti u għalliema tas-sekondarja) ħadu sehem fl-avvenimenti Euroscola ta' kull xahar organizzati mill-Uffiċċju ta' Informazzjoni.
99. Il-proġett kumpless ħafna taċ-Ċentru tal-Viżitaturi dieħel fl-aħħar fażi tiegħu. Hu organizzat fi 8 oqsmata ta' esperjenza b'total ta' 36 installazzjoni tal-midja tematika differenti li jkunu aċċessibbli minn iktar minn 300 punt ta' aċċess. Il-wirja permanenti fiha iktar minn 700 storja differenti jew "affarijiet li trid tara" fil-wirja. Billi jitqies it-tour tal-gwida tal-midja, il-logħba ta' role-play multimodali, adattamenti tal-kontenut speċifiċi għat-tfal u l-persuni b'diżabilità u l-klipps tal-MPE fuq il-ħajt, l-għadd globali ta' "unitajiet ta' informazzjoni" se jaqbeż l-4 500. Billi jitqies il-multingwalizmu, l-għadd ta' "unitajiet ta' informazzjoni" ikollu jiġi prodott u jitqiegħed fil-wirja hu madwar 20 000 u 30 000 unità. L-approċċ tematiku għandu karatteristiċi differenti li jvarjaw minn xjenza politika u kwistjonijiet leġiżlattivi għall-istorja u s-soċjoloġija. Għall-kuntrarju ta' proġetti ta' mużewijiet tradizzjonali, li huma bbażati fuq kollezzjoni eżistenti, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-kontenut tal-wirja huma parti integrali tal-proġett taċ-Ċentru tal-Viżitaturi. Dan iwassal biex il-proċessi ta' ppjanar u akkwist ikunu kumplessi ħafna.
100. Il-proġett biex tiġi stabbilita Dar għall-Istorja Ewropea ġiet inizzjata mill-President tal-Parlament Ewropew Hans-Gert Pöttering fl-2007. Fl-istess sena, il-Bureau ddeċieda li jkostitwixxi Kumitat tal-Esperti biex ifassal kunċett għad-Dar għall-Istorja Ewropea. Skont il-'Bażi Konċettwali', wieħed mill-għanijiet ewlenin tad-Dar għall-Istorja Ewropea "huwa li l-Ewropej ta' kull ġenerazzjoni jitgħallmu iżjed dwar l-istorja tagħhom stess u, b'hekk, jikkontribwixxu biex l-iżvilupp tal-Ewropa jiġi mifhum aħjar, issa u fil-ġejjieni. Wara l-pubblikazzjoni tal-kompetizzjoni arkitettonika, sitta u għoxrin espressjoni għal interess valida ġew ippreżentati. Dawn l-espressjonijiet ta' interess ġew eżaminati minn kumitat ta' evalwazzjoni, li temm xogħlu f'Jannar 2010. Dan l-eżami wassal biex tnax-il kandidat inżammu u ntlabu jippreparaw id-disinn preliminari. F'Settembru 2010, ġurija internazzjonali eżaminat il-proġetti.

**D. Il-politika tal-proprjetà**

101. Il-politika tal-proprjetà fuq terminu ta' żmien medju adottata b'deċiżjoni tal-Bureau tal-24 ta' Marzu 2010 tipprevedi l-oġġettivi li ġejjin:

- ix-xiri tal-binjiet okkupati mill-Parlament;
- il-ħlas kmieni tal-ispejjeż involuti abbażi tad-disponibbiltà ta' approprijazzjonijiet (l-użu ta' trasferimenti ta' tindif — mopping-up — , eċċessi) sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż finanzjarji;
- il-konċentrazzjoni ġeografika tal-binjiet tal-Parlament bil-ħsieb li jiġu ġġenerati ekonomiji fil-kobor rigward is-servizzi interni (transport, manutenzjoni, eċċ.).

102. Fil-laqgħa tiegħu tal-24.3.2010, il-Bureau awtorizza lill-Viċi-Presidenti bir-responsabilità għall-politika tal-proprjetà tal-parlament u s-Segretarju Ġenerali biex jimplementaw dik il-politika fuq terminu ta' żmien medju u biex iressqu kwalunkwe proposta rilevanti lill-Bureau għal deċiżjoni. B'mod partikolari, stabbilixxa l-oġġettiv tax-xiri tal-binjiet mikrija mill-Parlament fi Brussell.

103. F'dan ir-rigward, fl-2010 nxtara l-Bini REMARD fi Brussell u tħejja proġett ta' xiri tad-Dar tal-Ewropea f'Sofija.

104. B'rabta mal-estensjoni tal-Bini KAD fil-Lussemburgu, in-nefqa tal-kuntratt konkluż għax-xogħlijiet ġeotermiċi kienet 30 % inqas minn kif kien previst. Dan kien riżultat milqugħ tajjeb li jista' jiġi spjegat minħabba proċedura ta' tenders mifruxa ħafna, li permezz tagħha pparteċipaw kumpaniji minn iktar minn erba' pajjiżi differenti. Is-sejħa għat-tenders għall-kostruzzjoni tal-bini ġiet ippubblikata f'Awwiwwu 2010. Is-sejħa għat-tenders għall-finanzjament tax-xogħol ta' kostruzzjoni ġiet ippubblikata fi tmiem Diċembru 2010.

105. Tlesta x-xogħol fuq l-uffiċċji ta' informazzjoni ta' Budapest, Washington, Londra u l-Aja. Ġie ffirmat il-kuntratt ta' disinn tal-uffiċċju ta' Kopenhagen. Il-Bureau qabel li jinfetħu n-negożjati dwar il-kiri mas-sidien tal-binjiet li fihom hu skedat li jkun l-uffiċċji ta' Helsinki u Wrocław. Wara tfitxija għall-proprjetà, intgħażel il-Vini Rakovsky f'Sofija. Għandha tittieħed deċiżjoni finali mill-awtoritajiet dwar il-kwistjoni sal-31 ta' Marzu 2011.

**E. Il-Politika Ambjentali**

